MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 394/2005

**SMS Insurance Agency Ltd (C5645) bhala Agenzija ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance plc**
**vs**
**David Schembri (ID369676M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar, 2005, fejn intalab l-ammont ta' seba' mija u tlieta u tmenin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm783.82) rapprezentanti somma li s-socjeta` attrici giet kostretta thallas taht il-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta wara sentenza tal-11 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet Edgar Galea nomine vs Francis Ebejer. Peress li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza da parti tal-konvenut bhala l-assikurat taghha, is-socjeta` attrici ghandha l-jedd tirkupra minghandu l-istess somma imhallsa.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-12 ta' Ottubru, 2004 (Dok.A) u ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru, 2004 (Dok.B) u bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali sa l-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut noe prezentata fis-17 ta' Gunju, 2005, fejn intqal:**

**i. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda stante li l-incident mertu tal-avviz odjern ma sehhx minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut eccipjenti.**

**ii. Minghajr pregudizzju d-danni reklamati huma esagerati.**

**iii. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Axiaq, David Schembri, Brian Farrugia, PS1211 Richard Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas dovut lilha, in vista illi hi giet kostretta thallas taht il-Kap 104, tal-Ligijiet ta' Malta, wara sentenza tal-11 ta' Mejju, 2004, fl-ismijiet Edgar Galea noe vs Francis Ebejer. (Talba Numru 1935/03 JR).**

**2. Il-konvenut qed jghid li l-incident mertu tal-kawza ma sehhx tort tieghu.**

**3. Skond ma xehed Mark Axiaq ghas-socjeta' attrici, fiz-zmien tal-incident il-konvenut kien assikkurat mas-socjeta' attrici. Kien gie interpellat diversi drabi biex jaghmel *claim* u dan baqa' ma ghamiliex. Giet esebita il-*policy* tal-assikurazzjoni Dok CV5, li ssejjah lill-istess konvenut.**

**4. Il-konvenut qal li kien assikurat ghal xi zmien mas-socjeta' attrici u jammetti li qatt ma ghamel *claim* maghhom. Hu jghid illi qatt ma kellu incident kif qed jinghad u l-vettura kien ittrasferiha lill- terz li wara sar jaf li kien miet. Qatt ma gie nformat li dan it-terz kellu incident bil-vettura.**

**5. Ma jirrizultax illi fiz-zmien tal-incident, cioe' fil-5 ta' Gunju, 2001, li l-konvenut kien fil-habs ta' Kordin u dan skond id-Dok RZ1.**

**6. Jirrizulta wkoll illi fl-14 ta' Settembru, 1991, sas-17 ta' Awissu, 2001, l-imsemmija vettura kienet registrata fuq isem il-konvenut.**
**7. Ghalhekk fic-cirkostanzi meta sehh l-incident kien obbligu ta' l-istess konvenut li jaghmel *claim* ma' l-assikurazzjoni. Il-fatt li ma saritx il-*claim* jitfa' responsabilita' fuqu sabiex jindennizza lis-socjeta' attrici ghall-ispejjez li wehlu b'konsegwenza tad-decizjoni fuq riferita, salv u impregudikat kull dritt li jista' jkollu kontra terzi.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tlieta u tmenin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm783.82) bl-imghax legali dekkoribbli mis-27 ta' Dicembru, 2004.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-12 ta' Ottubru, 2004 u ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------